MT

BANK ĊENTRALI EWROPEW

# OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-17 ta' Frar, 2005**

**fuq it-talba tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, dwar proposta għal direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jabbozzaw mill-ġdid id-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu, 2000, dwar il-bidu u s-segwiment tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu, u d-Direttiva tal-Kunsill 93/6/KEE tal-15 ta' Marzu, 1993, dwar is-suffiċjenza tal-kapital tad-ditti ta' l-investiment u ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu**

**(CON/2005/4)**

1. Fil-15 ta' Settembru 2004, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal żewġ direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]: l-ewwel direttiva (minn issa 'l quddiem 'id-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju'), li tabbozza mill-ġdid id-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu, 2000, dwar il-bidu u s-segwiment tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu[2], u t-tieni direttiva (minn issa 'l quddiem 'id-direttiva proposta dwar is-suffiċjenza tal-kapital') li tabbozza mill-ġdid id-Direttiva tal-Kunsill 93/6/KEE tal-15 ta' Marzu, 1993, dwar is-suffiċjenza tal-kapital tad-ditti ta' l-investiment u ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu[3] (minn issa 'l quddiem 'id-direttivi proposti').

2. Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-ewwel subinċiż ta' l-Artikolu 105(4) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, li jistabbilixxi li l-BĊE għandu jkun ikkonsultat dwar kwalunkwe att tal-Komunita` propost fil-qasam tal-kompetenza tiegħu. Id-direttivi proposti jinkludu dispożizzjonijiet li huma essenzjali għall-validità u għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew.

3. Id-direttivi proposti huma komponenti essenzjali tal-Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji. L-għan tagħhom huwa li jimmodernizzaw il-qafas eżistenti dwar is-suffiċjenza tal-kapital għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti ta' l-investiment. Huma se jiżguraw l-applikazzjoni koerenti fl-UE kollha tal-qafas irrivedut għall-konverġenza internazzjonali ta' *capital measurement* u

1 COM(2004) 486 finali, Volumi I u II u Tattiċi ta' l-Annessi

2 ĠU L 126, 26.5.2000, pġ. 1 (minn issa 'l quddiem 'id-Direttiva kkonsolidata dwar il-kummerċ bankarju'). Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/69/KE (ĠU L 125, 28.4.2004, pġ. 44).

3 ĠU L 141, 11.6.1993, pġ. 1 (minn issa 'l quddiem 'id-Direttiva dwar is-Suffiċjenza tal-Kapital'). Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/39/KE (ĠU L 145, 30.4.2004, pġ. 1)

standards dwar il-kapital għal banek attivi internazzjonalment[4] (minn issa 'l quddiem 'Bażel II') miftiehem f'Ġunju 2004 mill-Kumitat ta' Bażel dwar is-Superviżjoni tal-Kummerċ Bankarju (BCBS) u approvat mill-gvernaturi tal-banek ċentrali u mill-kapijiet ta' l-awtoritajiet superviżorji fil-Grupp ta' l-Għaxar pajjiżi. B'mod partikolari, id-direttivi proposti jipprovdu għal metodu aktar komprensiv u sensittiv għar-riskju, li jinkoraġġixxi maniġment imtejjeb tar-riskju mill-istituzzjonijiet finanzjarji, li jikkontribwixxi għall-istabbilta` finanzjarja, iqanqal fiduċja fl-istituzzjonijiet finanzjarji u jsaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur.

4. Fil-kontribuzzjonijiet preċedenti tiegħu[5], il-BĊE appoġġa bil-qawwi l-ħidma tal-BCBS u tal-Kummissjoni Ewropea tul l-aħħar snin biex jistabbilixxu sett irrivedut ta' regoli dwar is-suffiċjenza tal-kapital għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti ta' l-investiment. Il-BĊE jilqa' l-fatt li l-BCBS laħaq ftehim finali dwar Bażel II. Il-BĊE jilqa' wkoll il-fatt li l-Kummissjoni ftit wara adottat proposti li se jiżguraw implimentazzjoni konsistenti u f'waqtha ta' Bażel II mill-banek attivi f' livell internazzjonali u d-ditti ta' l-investiment li jinsabu fl-UE, u li se jestendu wkoll il-metodu ta' Bażel II għal istituzzjoniijiet finanzjarji oħra fl-UE, fil-kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi speċjali tagħhom.

5. Il-BĊE jemmen bis-sħiħ li d-direttivi proposti, ladarba implimentati kif suppost mill-iStati Membri, se jsaħħu b'mod konsiderevoli l-affidabbiltà u l-istabbiltà tas-sistema bankarja fl-UE permezz ta' l-applikazzjoni ta' standards dwar il-kapital aktar sofistikati u aktar sensittivi għar-riskju. Għalhekk, il-BĊE jisħaq il-fehma pożittiva tiegħu dwar id-direttivi proposti. Madankollu, mingħajr preġudizzju għal din il-fehma ġenerali, il-BĊE għandu numru ta' rimarki ġenerali u speċifici fir-rigward tad-direttvi proposti u l-applikazzjoni futura tagħhom[6].

**Rimarki Ġenerali**

**Strumenti legali għall-implimentazzjoni konsistenti madwar l-Ewropa**

6. F'diversi okkażjonijiet, il-BĊE, b' mod partikolari fl-Opinjoni tal-BĊE CON/2004/7 dwar id-direttiva[7] proposta fir-rigward ta' l-istruttura tal-kumitat (li bħala skop, kellha tintroduċi f'numru ta' direttivi eżistenti tal-Komunita`, l-emendi meħtieġa għall-estenzjoni tal-'proċess Lamfalussy' għas-superviżjoni finanzjarja mis-settur tat-titoli għas-setturi finanzjarji l-oħra kollha), appoġġja r-

---

4 Il-Kumitat ta' Bażel dwar is-Superviżjoni Bankarja, 'Konverġenza Internazzjonali dwar *Capital Measurement* u Standards Kapitali: Qafas irrivedut', Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BIS), Ġunju 2004; jinstab fuq il-*website* tal-BIS.

5 Ara b'mod partikolari l-kummenti tal-BĊE dwar it-tieni pakkett konsultattiv tal-BCBS tal-31 ta' Mejju, 2001, ir-risposta tal-BĊE għat-tielet proposti konsultattivi tal-BCBS (CP3) ta' Awwissu 2003, u l-kummenti tal-BĊE dwar it-tielet dokument konsultattiv tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-reviżjoni tal-kapital regolatorju (minn issa 'l quddiem 'it-tielet dokument konsultattiv') ta' Novembru 2003; id-dokumenti kollha jinstabu fuq il-*website* tal-BĊE.

6 Huwa nnutat li fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Diċembru, 2004, il-Kunsill ta' l-ECOFIN qabel dwar metodu ġenerali fir-rigward tad-direttivi proposti (minn issa 'l quddiem 'il-metodu ġenerali tal-Kunsill'). Huwa talab lill-Presidenza tal-Kunsill biex tkompli bil-kuntatti mar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew sabiex tesperimenta bil-possibbilta` li tadotta d-direttivi proposti ma' l-ewwel qari. Il-metodu ġenerali tal-Kunsill jindirizza wkoll xi ftit mill-kwistjonijiet li l-BĊE iqajjem f'din l-opinjoni. Qed issir referenza għall-metodu ġenerali tal-Kunsill fejn xieraq.

7 Opinjoni tal-BĊE CON 2004/7 ta' l-20 ta' Frar, 2004, fuq it-talba tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 85/611/KEE, 91/675/KEE, 93/6/KEE u 94/19/KE u d-Direttivi 2000/12/KE, 2002/83/KE u 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, sabiex tiġi stabbilita struttura organizzazzjonali ġdida tal-kumitat għas-servizzi finanzjarji (ĠU Ċ 58, 6.3.2004, pġ. 23).

rakkomandazzjonijiet tal-Grupp tas-Sorveljanza ta' bejn l-Istituzzjonijiet biex jillimita l-atti legali tal-Komunita` fil-Livell 1 għal prinċipji ta' qafas u biex fil-Livell 2 jintużaw regolamenti kull meta hu possibbli. Kif imsemmi fil-paragrafu 6 ta' l-Opinjoni tal-BĊE CON/2004/7, il-BĊE jikkunsidra li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp tas-Sorveljanza ta' bejn l-Istituzzjonijiet tista' gradwalment twassal biex l-atti fil-Livell 2 joħorġu bħala l-parti prinċipali tar-regoli teknici applikabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji ta' l-UE.

7. Fuq l-istess nota, fil-kummenti tiegħu dwar it-tielet dokument konsultattiv, il-BĊE issuġġerixxa li biex jiġi implimentat Bażel II, l-annessi tekniċi mad-direttivi proposti għandhom jiġu adottati direttament bħala miżuri fil-Livell 2, u, meta kumpatibbli mal-flessibbilta` neċessarja għal dak li hija implimentazzjoni nazzjonali, permezz tar-regolamenti tal-Komunita`.

8. Fil-fehma tal-BĊE, l-implimentazzjoni ta' Bażel II offriet opportunita` unika biex jiġu rriveduti l-obbligi dwar il-kapital fuq dawn il-linji, li għadha ma ġietx sfruttata. Il-BĊE jagħraf li skond l-Artiklu 150(1) tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, il-Kummissjoni se jkollha l-kompetenza li tadotta, skond il-proċedura tal-'komitoloġija'- li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 151 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, 'aġġustament(i) tad-dispożizzjonijiet fl-Annessi V sa XII sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji partikolarment il-prodotti finanzjarji ġodda, jew fl-istandards tal-kontabilità jew il-ħtiġijiet stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Komunità'.

9. Madankollu, konformi mal-ftehim biex jiġi estiż il-proċess ta' Lamfalussy mis-settur tat-titoli għas-setturi finanzjarji l-oħra kollha[8], ikun preferibbli li d-direttivi proposti jkunu llimitati biex ikopru prinċipji ta' qafas li jirriflettu l-għażliet politiċi bażiċi u l-kwistjonijiet sostantivi fil-qasam tas-suffiċjenza tal-kapital għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti ta' l-investiment, u li d-dispożizzjonijiet tekniċi dwar is-suffiċjenza tal-kapital jinġabru flimkien f'regolament wieħed fil-Livell 2 applikabbli direttament. Dan il-proċess isaħħaħ l-implimentazzjoni konverġenti ta' Bażel II madwar l-UE, jiffaċilita konformita` minn gruppi finanzjarji li joperaw madwar pajjiżi differenti ta' l-UE u jnaqqas l-ispejjeż, kif ukoll jippromwovi *level playing field* u aktar integrazzjoni finanzjarja.

10. Jekk jitqies li d-direttivi proposti ma jistgħux jiġu emendati f'din il-fażi skond dan il-metodu, il-BĊE huwa ta' l-opinjoni li l-istruttura legali ppreveduta ma għandhiex titqies bħala r-riżultat aħħari mixtieq, iżda aktar bħala pass wieħed fi proċess għal żmien twil lejn l-istabbilment, kull meta jkun possibbli, ta' sett ta' regoli tekniċi fil-Livell 2 applikabbli direttament għall-istituzzjonijiet finanzjarji fl-UE.

**<u>It-tnaqqis ta' għażliet u diskrezzjoni nazzjonali</u>**

11. It-tnaqqis ta' għażliet nazzjonali huwa ta' l-akbar importanza billi dan jissimiplifika l-qafas regolatorju, jgħin fil-konverġenza tal-prattiċi superviżorji u jikkontribwixxi sabiex ikun hemm *level playing field*. Il-BĊE jagħraf il-progress milħuq mill-Kumitat tar-Regolaturi tal-Kummerċ Bankarju

8 Ara paġna 12 ta' l-istqarrija għall-istampa ta' l-2580 Laqgħa tal-Kunsill ta' l-ECOFIN li saret fi Brussell fil-11 ta' Mejju 2004; tinstab fuq il-*website* tal-Kunsill.

Ewropej (CEBS) sabiex inaqqas in-numru ta' għażliet u rinunzji (*waivers*), jappoġġja bis-sħiħ il-ħidmiet ta' dan il-Kumitat u jinkoraġġixxi bil-qawwi aktar xogħol f'dan il-qasam minħabba li, minkejja l-progress li ntlaħaq, jibqa' numru sinifikanti ta' għażliet li potenzjalment jistgħu jfixklu il-*level playing field*. L-Artikli 68 sa 73 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju jinkludu għażliet dwar ir-rinunzja ta' l-obbligi dwar il-kapital f'diversi livelli fi ħdan il-gruppi. Fil-fehma tal-BĊE, jekk dawn l-għażliet huma meqjusa wisq importanti biex jitneħħew f'xi ġurisdizzjonijiet, għandu jkun hemm ta' lanqas konverġenza u trasparenza dwar is-sitwazzjonijiet li fihom dawn iseħħhu, biex tiġi żgurata l-*level playing field* fl-UE. Fil-kunsiderazzjoni tal-bżonn għal aktar tnaqqis fl-għażliet nazzjonali, il-BĊE jinkoraġġixxi l-introduzzjoni ta' dispożizzjoni speċifika li titlob lill-Kummissjoni biex tissorvelja l-progress milħuq f'din id-direzzjoni u, fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli (eż. tlett snin), tirrapporta lill-istituzzjonijiet tal-Komunita` dwar l-użu tad-diskrezzjoni nazzjonali residwa, tistma kemm ikun meħtieġ u jekk ikunx hemm bżonn għal aktar inizjattivi regolatorji.

12. L-għażla ġenerali tal-kliem f'ħafna dispożizzjonijiet tad-direttivi proposti jħalli marġni sostanzjali għal interpretazzjonijiet diverġenti minn awtoritajiet nazzjonali, b'hekk joħloq ir-riskju li ma jkunx hemm *level playing field* madwar l-UE. Eżempju speċifiku imma mhux uniku ta' din il-kwistjoni huwa l-Artiklu 84(2) tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, li jipprovdi li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jħallu l-użu tal-Metodu bbażat fuq il-Klassifika Interna (*Internal Ratings Based Approach*) (minn issa 'l quddiem l-'il-Metodu ta' l-IRB') minn xi istituzzjoni ta' kreditu jekk is-sistemi tagħha għall-maniġment u l-klassifika ta' l-*exposures* tar-riskju tal-kreditu jikkonformaw ma' numru ta' kundizzjonijiet (bħal 'validu', 'implimentat b' integrita` u jipprovdu għal 'evalwazzjonijiet bi skop'). Dan l-artiklu jirreferi għal kundizzjonijiet addizzjonali stabbiliti f'Parti 4 ta' l-Anness VII mad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, li jħallu livell għoli ta' diskrezzjoni għall-implimentazzjoni nazzjonali. Filwaqt li l-BĊE jagħraf li xi kultant huwa neċessarju li tintuża għażla ta' kliem li tagħti livell sinifikanti ta' diskrezzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali (per eżempju biex ma jkunx hemm xkiel għall-iżvilupp ta' prattiċi dwar l-immaniġġjar tar-riskju fl-istituzzjonijiet ta' kreditu jew biex tiġi ffaċilitata t-traspożizzjoni u l-applikazzjoni flessibbli fil-kunsiderazzjoni ta' strutturi differenti ta' sistemi bankarji nazzjonali jew reġimi regolatorji nazzjonali), hekk kif l-aħjar prattiċi jitfaċċaw fis-suq, ikun ta' siwi li titħeġġeg interpretazzjoni konsistenti ta' dawn it-termini mill-awtoritajiet kompetenti. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li toħroġ rakkomandazzjonijiet bbażati fuq il-parir mill-CEBS.

13. Il-BĊE jirrikkmanda wkoll l-użu ta' terminoloġija konsistenti biex tfisser kif l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jintervjenu qabel l-użu ta' ċerti piżijiet ta' riskju u *measurement techniques.* Distinzjoni ċara tista' ssir bejn il-każijiet fejn l-awtoritajiet kompetenti huma mistennija li jikkomunikaw deċiżjoni amministrattiva formali ma' l-applikazzjoni mill-istituzzjoni ta' kreditu, u dawk fejn l-awtoritajiet kompetenti jistgħu sempliċiment jirrevedu t-teknika proposta mingħajr il-ħtieġa li jieħdu deċiżjoni formali dwarha.

**Ir-rwol ta' l-awtorita` responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata**

14. Il-BĊE jikkunsidra illi t-titjib tar-responsabbiltajiet ta' l-awtorita` responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata (minn issa 'l quddiem 'ir-regolatur fuq bażi kkonsolidata'), kif ipprevedut fl-Artikli 129 sa 132 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, huwa pass 'il quddiem li madankollu jqajjem kwistjonijiet ikkumplikati meta d-direttiva proposta hija trasposta u applikata. Ir-rwol koordinattiv ipprovdut fl-Artiklu 129(1), flimkien mad-dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' l-informazzjoni stabbiliti fl-Artiklu 130(2) l-Artiklu 132, se jtejbu r-relazzjonijiet bejn l-awtoritajiet superviżorji u bejn l-awtoritajiet superviżorji u l-banek, b'hekk tiżdied l-effiċjenza bl-iffaċilitar tal-proċess dwar it-teħid tad-deċżjonijiet u titnaqqas l-ispiża globali tas-superviżjoni. Dan jikkostitwixxi tweġiba xierqa għad-domanda li qed tiżdied mill-gruppi bankarji b'attivitajiet internazzjonali[9] sostanzjali biex inaqqsu l-ispejjeż li qed ikollhom fil-konformita` ma' l-obbligi superviżorji u regolatorji imposti fuqhom minn regolaturi nazzjonali differenti, liema obbligi f'xi każijiet jikkoinċidu jew mhumiex armonizzati għal kollox.

15. Barra min dan, il-BĊE jistenna li r-rwol koordinattiv imwettaq mir-regolatur fuq bażi kkonsolidata, flimkien ma' l-obbligu espliċitu dwar l-iskambju ta' l-informazzjoni, se jikkontribwixxu għall-istabbilta` tas-settur bankarju kemm fil-livell ta' l-UE kif ukoll fil-livell ta' l-iStat Membri. Mill-perspettiva tar-regolatur fuq bażi kkonsolidata, l-input imtejjeb minn regolaturi nazzjonali dwar l-attivitajiet lokali u r-riskji tas-sussidjarji ta' l-UE ta' xi grupp għandhom jiġu kkombinati flimkien biex jipprovdu reviżjoni dettaljata u evalwazzjoni tal-grupp bħala ħaġa sħiħa, kif meħtieġ mill-Artiklu 124 flimkien ma' l-Artikli 71 sa 73 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju. Mill-perspettiva tar-regolaturi nazzjonali, l-informazzjoni miġbura mir-regolatur fuq bażi kkonsolidata tista' tagħmel aktar faċli l-evalwazzjoni tal-possibbilta ta' problemi finanzjarji li jseħħu f'entitajiet oħra ta' xi grupp, li jistgħu jaffettwaw sussidjarji lokali. Barra minn dan, l-informazzjoni addizzjonali disponibbli għar-regolaturi nazzjonali għandha tiffaċilita` wkoll l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-banek ċentrali fil-qasam ta' l-istabbilta` finanzjarja, tas-sistemi ta' ħlas u tal-politika monetaja.

16. L-Artiklu 129(2) tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju (flimkien ma' l-Artiklu 37(2) tad-direttiva proposta dwar is-suffiċjenza tal-kapital) joffri opportunita` biex jinkoraġġixxi integrazzjoni finanzjarja. Huwa jistabbilixxi bażi legali għall-użu, fil-livell ta' grupp, tal-Metodu ta' l-IRB, il-Metodi ta' *Advanced Measurement* (AMAs) u l-Metodu tal-Mudelli Interni għar-riskji tas-suq, li huwa kkumplimentat minn proċedura li ttejjeb il-proċess ta' l-approvazzjoni fil-livell ta' grupp. Dan għandu jagħmel possibbli l-alinejament tal-prattiċi tal-maniġment fil-livell ta' grupp fir-rigward tal-konformita` ta' l-obbligi regolatorji dwar il-kapital li għandhom itejbu l-integrazzjoni ta' strutturi ta' gruppi u, bħala konsegwenza, tas-settur bankarju bħala ħaġa sħiħa.

9 Indikatur tar-rilevanza li dejjem qed tiżdied ta' l-attivitajiet internazzjonali hija s-sehem li qed jikber ta' fergħat mhux domestiċi u sussidjarji fl-attiv totali tas-settur bankarju, li kien akbar minn 20% fl-2003. Ara 'Ir-Rapport dwar l-iStruttura tal-Kummerċ Bankarju fl-UE' tal-BĊE, Novembru 2004; jinstab fuq il-*website* tal-BĊE.

17. Minkejja l-benefiċċji potenzjali ta' l-Artiklu 129(2), kwistjonijiet ikkumplikati jistgħu jqumu meta huwa applikat u dawn jeħtieġ li jkunu antiċipati u solvuti sabiex jitkabbar kem jista' jkun l-effett tiegħu. Per eżempju, problemi jistgħu jqumu jekk hemm nuqqas ta' qbil bejn ir-regolaturi *home* u *host* tas-sussidjarji ta' xi grupp li huma kkunsidrati sinifikanti[10] fuq l-interpretazzjoni ta' l-obbligi tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju. Minkejja li t-tielet subparagrafu ta' l-Artiklu 129(2) jeħtieġ li r-regolatur fuq bażi kkonsolidata jagħmel determinazzjoni fin-nuqqas ta' fehim bejn awtoritajiet superviżorji fi żmien sitt xhur, nuqqas ta' qbil bejn ir-regolaturi *home* u *host* għandhom ikunu ndirizzati sabiex ma jiddgħajfux il-poteri ta' l-awtoritajiet regolaturi nazzjonali kompetenti, li jkolhom joqogħdu fuq ir-riżultat tal-metodu fil-livell ta' grupp f'livell lokali u jiggarantixxu *level playing field*.[11]

18. Il-benefiċċji potenzjali ta' l-Artiklu 129(2) jiddependu wkoll minn kif, il-poteri tar-regolaturi nazzjonali kompetenti biex jimponu miżuri ta' superviżjoni fuq sussidjarji lokali, skond it-tieni pilastru ta' Bażel II (il-proċess tar-reviżjoni superviżorja), jaġixxu flimkien mad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni fil-livell ta' grupp. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jippreżentaw applikazzjonijiet skond l-Artiklu 129(2) għandhom bżonn iċ-ċertezza legali. F'dan ir-rigward, il-proċeduri applikabbli u r-reviżjoni mill-qrati tad-deċiżjonijiet fil-livell ta' grupp, kif ukoll is-superviżjoni dejjiema ta' l-użu tal-Metodu ta' l-IRB u l-AMAs fil-livell ta' grupp jeħtieġu attenzjoni. Il-poteri rispettivi ta' l-awtoritajiet superviżorji biex jirranġaw nuqqasijiet fil-metodu tal-grupp, li jqumu wara li tkun ingħatat approvazzjoni, u biex jirtiraw xi approvazzjoni, għandhom għalhekk indirizzati fid-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju.

19. Fil-kunsiderazzjoni ta' l-importanza tal-kwistjonijiet ta' hawn fuq għall-applikazzjoni effettiva ta' l-Artiklu 129(2) tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, il-BĊE jappoġġja bil-qawwi l-ħidma li għandu jwettaq il-CEBS dwar l-applikazzjoni ta' l-Artiklu 129 bħala ħaġa sħiħa, u huwa kunfidenti li se tirriżulta applikazzjoni konsistenti. Madankollu, jirrikkmanda li tiddaħħal dispożizzjoni fid-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju li titlob evalwazzjoni u, jekk ikun meħtieġ, reviżjoni ta' l-Artiklu 129 tliet snin wara t-traspożizzjoni tad-direttiva sabiex jiġi kkunsidrat kif l-Artiklu 129 ikun qed jiġi applikat fil-prattika u jekk ikunx qed jilħaq l-għanijiet tiegħu.

20. Il-BĊE jinkoraġġixi wkoll il-ħidma tal-CEBS fir-rigward ta' l-Artiklu 131 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, li teħtieġ lir-regolatur fuq bażi kkonsolidata u l-awtoritajiet regolaturi kompetenti l-oħra biex ikollhom 'arranġamenti bil-mitkub ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni'. Il-BĊE għalhekk jinkoraġġixxi l-ħidma tal-CEBS biex jiżviluppa arranġment mudell għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni biex jintuża mill-awtoritajiet regolatorji kollha konċernati.

---

10 'Sinifikanti' tista' tirreferi jew għall-importanza relattiva tas-sussidjarji ghall-grupp bħala entita` waħda jew għas-sistema bankarja fil-ġurisdizzjoni *host*.

11 Il-*level playing field* tista' tiġi ppreġudikata jekk xi Metodi ta' l-IRB ta' xi banek ikunu validati mir-regolatur fuq bażi kkonsolidata, filwaqt li għal banek oħra l-validazzjoni ssir mir-regolatur domestiku.

**Iż-żmien propizju ta' l-implimentazzjoni u dispożizzjonijiet tranżitorji**

21. Il-BĊE jilqa' d-dispożizzjonijiet dwar il-ħin ta' l-implimentazzjoni ta' l-obbligi l-ġodda tal-kapital fil-Kapitlu 1 tat-Titlu VII tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju. Dawn id-dispożizzjonijiet jiriflettu l-ħin stabbilit fil-Bażel II u għandhom jiżguraw li istituzzjonijiet ta' kreditu Ewropej ma jitpoġġewx fi żvantaġġ fir-rigward tal-kompetituri tagħhom minn pajjiżi terzi. Barra minn hekk, implimentazzjoni posposta, sa ċertu punt, iddgħajjef il-preparazzjonijiet li l-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' l-UE jkunu għamlu biex ilaħħqu mal-perjodu ta' żmien inizjali. Għal dawn ir-raġunijiet, il-BĊE jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet tal-Komunita` biex iżommu l-iskeda proposta mill-Kummissjoni.

22. Barra minn dan, il-BĊE jikkunsidra li għandha tingħata attenzjoni għan-natura sinifikanti tar-riforma u għall-inċertezza residwa dwar l-influwenza tagħha fuq il-livell tal-kapital fis-sistema finanzjarja ta' l-UE bħala ħaġa sħiħa (anki jekk din l-inċertezza ġiet imnaqqsa kemm jista' jkun possibbli minn studji dwar l-impatt kwantitattiv). Għal din ir-raġuni, il-BĊE jappoġġja bis-sħiħ l-introduzzjoni ta' l-obbligi tranżitorji fl-Artiklu 152 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, li jillimitaw l-impatt fuq l-obbligi dwar il-kapital minimi ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu matul l-ewwel tliet snin wara l-implimentazzjoni tad-direttiva.

23. Minkejja l-bżonn li jiġu bbażati estimi ta' fatturi tar-riskju dwar storji tad-data li huma twal biżżejjed biex ikopru kundizzjonijiet ekonomiċi li jinbidlu, id-dispożizzjonijiet tranżitorji għandhom jappoġġjaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu fit-tranżizzjoni tagħhom għall-metodu aktar sofistikat ta' l-IRB billi jnaqqsu ċerti obbligi, li gradwalment huma issikkati hekk kif l-abbilta` ta' istituzzjoni biex tiġbor id-data titjieb. Dan jirreferi għall-obbligu li jkollok minimu ta' ħames snin ta' data dwar osservazzjonijiet storiċi tal-probabbilta` tal-falliment (paragrafu 66 ta' Parti 4 ta' l-Anness VII mad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju). F'dak ir-rigward, l-artiklu 154(5) tad-direttiva proposta se jħalli Stati Membri biex japplikaw obbligu mnaqqas għal sentejn data għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu ddeċiedew li jimplimentaw il-metodu ta' l-IRB qabel il-31 ta' Diċembru, 2007. Madankollu, istituzzjonijiet li jadottaw il-metodu ta' l-IRB wara l-31 ta' Diċembru, 2007, għandu jkollhom tliet snin ta' data sa l-aħħar tas-sena 2008, erba' snin ta' data sa l-aħħar tas-sena 2009, u ħames snin ta' data sa l-aħħar tas-sena 2010. Fil-prattika, se tkun impossibbli għalihom li jkollhom tliet snin ta' data sa l-aħħar tas-sena 2008 sakemm ma jkunux diġa` ġabru sentejn data sa l-aħħar tas-sena 2007. Konsegwentament, il-BĊE jikkunsidra li jkun mixtieq li din id-dispożizzjoni tiġi emendata b'tali mod li tħalli, b'mod realistiku, metodi ta' l-IRB li jkunu rikonoxxuti wkoll matul il-perjodu tranżitorju. F'dan ir-rigward, il-BĊE jilqa' l-emendi ta' l-Artiklu 154(5) u (6) stabbiliti fil-metodu ġenerali tal-Kunsill, li jirrappreżentaw soluzzjoni pragmatika.

**Osservazzjoni ta' l-impatt strutturali u l-karatteristiċi proċikliċi possibbli tal-qafas il-ġdid**

24. L-impatt strutturali globali tad-direttivi proposti kien kwistjoni ta' tħassib li ġej, *inter alia*, mill-ħidma diffikultuża li wieħed jgħaqqad flimkien in-newtralita` tal-kapital u metodi aktar u aktar sofistikati. Il-BĊE jappoġġja bis-sħiħ ir-riżultat tal-kalibrar totali ta' l-obbligi regolatorji dwar il-

kapital stabbiliti fid-direttivi proposti u jinnota li r-riżultati ta' studju kwantitattiv dwar l-impatt (QIS3)[12] li jkopri l-iStati Membri taw evalwazzjoni pożittiva globali fir-rigward ta' l-effett fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu ż-żgħar ta' l-UE, id-ditti ta' l-investiment fl-UE u s-self lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju (li kif jidher, ma jkunux żvantaġġjati bid-direttivi proposti), kif ukoll fir-rigward taż-żamma ta' *level playing field* fi ħdan l-UE fil-konfront ta' kompetituri minn pajjiżi terzi. Il-BĊE jinnota wkoll l-evalwazzjoni pożittiva globali pprovduta permezz ta' rapport ppreparat taħt l-awspiċji tal-Kummissjoni Ewropeja dwar il-konsegwenzi finanzjarji u makroekonomiċi ta' l-obbligi rriveduti dwar il-kapital[13]. Madankollu, evalwazzjoni *ex-ante* ta' l-impatt kwantitattiv tad-direttivi proposti ma tistax tkopri l-effetti dinamiċi tagħhom, meta wieħed iqis li l-funzjonament ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji jista' jinbidel minħabba l-inċentivi pprovduti minn pożizzjonijiet differenti ta' riskju skond l-obbligi rriveduti meta mqabbla ma' l-obbligi preżenti dwar il-kapital. Għalhekk, il-BĊE jinkoraġġixxi osservazzjoni regolari *ex-post* li għandha tkopri wkoll l-implikazzjonijiet strutturali u l-allokazzjoni tar-riskji.

25. Barra mill-osservazzjoni ta' l-impatt ġenerali tad-direttivi proposti, ċerti karatteristiċi speċifiċi jistgħu jeħtieġu wkoll osservazzjoni fil-futur. Per eżempju, il-BĊE josserva li t-trattament preferenzjali disoponibbli għal self dwar propjeta` ta' beni immobbli kummerċjali skond il-Metodu Standardizzat u l-Metodu tal-*Foundation* IRB[14] joffri flessibbilta` aħjar mill-Bażel II. Il-BĊE jemfasizza li l-interazzjoni bejn id-disponibbilta` ta' self dwar propjeta` ta' beni immobbli u l-prezzijiet tal-propjeta` għandha, barra mill-valutazzjoni prudenti tal-garanziji mill-banek, tkun ukoll suġġetta għal sorveljanza mill-qrib minn perspettiva makro-prudenzjali. Il-BĊE għandu l-ħsieb li jikkontribwixxi għal dan il-proċess ta' sorveljanza.

26. Fir-rigward ta' l-impatt pro-ċikliku potenzjali tad-direttivi proposti (i.e. il-possibbilta` li l-obbligi dwar il-kapital jistgħu jsiru aktar iebsa matul riċessjoni u aktar laxki matul xi taqliba aħjar fl-ekonomija b'hekk iħarrxu xaqlibiet ċikliċi), il-BĊE jagħraf l-importanza li jitratta din il-kwistjoni u l-progress sinifikanti milħuq fit-tnaqqis ta' dawn il-ħsibijiet permezz ta' l-aġġustament tad-direttivi proposti biex jiġu llimitati l-effetti pro-ċikliki. Fil-fatt, l-awtoritajiet superviżorji ta' l-UE għandhom interess komuni biex jikkunsidraw metodi xierqa biex inaqqsu r-riskju ta' pro-ċiklikalita` intensifikata, billi l-kundizzjonijiet makroekonomiċi qed isiru bil-mod il-mod aktar minsuġin ma' xulxin, partikolarment fiż-żona tal-euro. Metodi komuni fl-indirizz tal-proċiklikalita` jinkoraġġixxi wkoll *level playing field* u trasparenza fis-suq waħdieni. Madankollu, il-BĊE xorta jqis li s-sorveljanza mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti hi meħtieġa.

---

12 Reviżjoni ta' l-Obbligi dwar il-Kapital għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u d-Ditti ta' l-Investiment, It-Tielet Studju Kwantitattiv dwar l-Impatt: Riżultati ta' l-UE' tal-Kummissjoni Ewropea, 1 ta' Lulju, 2003; jinstab fuq il-*website* tal-Kummissjoni.

13 PricewaterhouseCoopers, MARKT/2003/02/F, 'Studju dwar il-konsegwenzi finanzjarji u makroekonomiċi ta' l-abbozz propost fir-rigward ta' l-obbligi l-ġodda dwar il-kapital għall-banek u d-ditti ta' l-investiment fl-UE', 8 ta' April, 2004; jinstab fuq il-*website* tal-Kummissjoni.

14 Il-Metodu Standardizzat huwa deskritt fl-Artikli 78 sa 83 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju. Il-Metodu tal-*Foundation* IRB huwa Metodu ta' l-IRB kif deskritt fl-Artikli 84 sa 89 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, imma meta istituzzjoni ta' kreditu ma tagħmilx użu ta' l-estimi tagħha *(own estimates)* tat-telf fil-kunsiderazzjoni tal-falliment (LGDs) u/jew fatturi tal-bdil (*conversion factors*) skond l-Artiklu 84(4).

27. Għalhekk, il-BĊE jappoġġja l-proposta li l-Kummissjoni għandha tissorvelja perjodikament jekk id-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju għandhiex effetti sinifikanti fuq iċ-ċiklu ekonomiku, kif stabbilit fl-Artiklu 156. Barra minn dan, il-BĊE josserva li hija l-prerogattiva tal-Kummissjoni biex tadotta proposti għal kwalunkwe emenda għall-abbozz mill-ġdid tad-Direttiva kkonsolidata dwar il-kummerċ bankarju, u li dan japplika wkoll għall-miżuri leġiżlattivi ta' rimedju li jistgħu jkun hemm msemmija fl-Artiklu 156. Madankollu, minn perspettiva makro-prudenzjali, huwa kruċjali li l-miżuri leġiżlattivi ta' rimedju li jista jkun hemm ikunu ta' natura simettrika u li l-istandards dwar il-kapital jinbidlu biss meta l-aġġustament huwa sostenibbli b'mod prudenti permezz taċ-ċiklu sħiħ. Il-BĊE jissuġġerixxi spjega ta' dan il-bżonn f'*recital* 59 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju.

**Rimarki speċifiċi**

**Definizzjoni ta' banek ċentrali**

28. Il-BĊE jara l-bżonn li jiċċara l-istat tiegħu dwar l-eżenzjoni ta' banek ċentrali mid-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju. L-ewwel subinċiż ta' l-Artiklu 2 jeżenta 'banek ċentrali mill-iStati Membri' mill-iskop tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, filwaqt li l-Artiklu 4(23) jiddefinixxi t-terminu 'banek ċentrali' (bil-kuntrarju ta' 'banek ċentrali ta' l-iStati Membri') biex jinkludi l-BĊE salv indikat mod ieħor. Il-BĊE jipproponi jemenda l-Artiklu 2 biex jindika b'mod ċar li l-eżenzjoni tapplika wkoll għall-BĊE.

**Konsolidazzjoni waħidha**

29. L-Artiklu 70 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju jagħti lill-awtoritajiet kompetenti l-possibbilta` li jħallu, skond każ b'każ u suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, istituzzjonijiet *parent* ta' kreditu fi Stat Membru partikolari biex jinkorporaw, fil-kalkulazzjonijiet meħtieġa mill-Artiklu 68(1) tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, sussidjarji li jinsabu fl-UE. Dan il-proċess huwa magħruf bħala 'konsolidazzjoni waħidha'.

30. Il-BĊE jirrikkmanda jirrikunsidra l-kundizzjonijiet li skondhom konsolidazzjoni waħidha[15] tista' tiġi applikata. Waħda minn dawn il-kundizzjonijiet tinsab fl-Artiklu 69(1)(a) tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, li teħtieġ li ma jkun hemm l-ebda impediment għat-trasferiment ta' *own funds* mill-impriża *parent* għas-sussidjarja. Fil-fehma tal-BĊE din mhijiex kundizzjoni xierqa biex tiġi imposta fuq l-impriża *parent* fil-kuntest ta' l-obbligi dwar konsolidazzjoni waħidha. F'dan ir-rigward il-BĊE jilqa' bis-sħiħ li l-emendi ta' l-Artiklu 70 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju stabbiliti fil-metodu ġenerali tal-Kunsill se jimponu obbligi fir-rigward tad-disponibbilta` ta' *own funds* mis-sussidjarja għall-impriża *parent*. Il-BĊE jinnota li konsolidazzjoni waħidha testendi għal sussidjarji li jinsabu fi Stati Membri barra minn dak ta' l-impriża *parent*. Fil-prattika dan jimplika li l-pożizzjoni finanzjarja tas-sussidjarja se tkun trattata għal skopijiet ta' suffiċjenza tal-kapital daqs li kieku kienet parti mill-pożizzjoni finanzjarja ta' l-impriża *parent*. Ir-regolatur ta'

15 Konsolidazzjoni waħidha hija element tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju li mhuwiex indirizzat f' Bażel II. Il-paragrafu 23 ta' Bażel II jeħtieġ regolaturi biex jittestjaw li 'banek individwali huma kkapitalizzati b'mod adekwat abbażi *stand-alone*'.

l-impriża *parent* għandu għalhekk ikollu aċċess sħiħ għal informazzjoni dwar il-kwalita` ta' l-assi, il-passivi u l-kapital tas-sussidjarja. Il-BĊE jissuġġerixxi li jiżdied kriterju ieħor biex jiżgura li l-awtorita` superviżorja ta' l-impriża *parent* tista' effettivament tivverifika dik l-informazzjoni dwar il-pożizzjoni finanzjarja ta' sussidjarji barranin li jinsabu f'xi Stat Membru ieħor. Bħala kwistjoni ta' prinċipju, il-ECB jinkoraġġixxi wkoll bis-sħiħ it-trasparenza dwar l-użu ta' l-Artiklu 70 tad-direttiva u jilqa' d-dispożizzjonijiet f'dan ir-rigward stabbiliti fil-metodu ġenerali tal-Kunsill.

31. Il-BĊE jinnota li l-Artiklu 70 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju ma jiddubitax l-applikazzjoni ta' obbligi individwali dwar il-kapital lil sussidjarji fl-UE inkorporati fl-obbligi individwali dwar il-kapital ta' l-istituzzjoni *parent* ta' kreditu. Ikun ta' siwi li jiġi ċċarat li l-Artiklu 70 huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi imposti mill-Artiklu 68 dwar is-sussidjarji konċernati.

**<u>Obbligi dwar il-kapital għal self bejn il-banek ġewwa l-grupp</u>**

32. L-Artiklu 80(7) tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju jħalli lill-awtoritajiet kompetenti, skond ċerti kundizzjonijiet, biex jeżentaw self minn istituzzjoni ta' kreditu lill-impriża *parent* tagħha, lis-sussidjarja tagħha jew lil sussidjarji oħra ta' l-istess impriża *parent*, mill-obbligi dwar il-kapital għar-riskju ta' kreditu[16]. Il-BĊE jemfasizza li l-*exposures* kollha għar-riskju ta' kreditu għandhom ikunu suġġetti għal obbligi dwar il-kapital adegwat. Il-kundizzjonijiet li skondhom l-eżenzjoni skond l-Artiklu 80(7) tapplika ma teliminax ir-riskju ta' kreditu fit-tranżazzjonijiet konċernati ta' self billi, per eżempju, xi istituzzjoni ta' kreditu tista' tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha fil-konfront ta' istituzzjoni ta' kreditu oħra kkontrollata mill-istess impriża *parent*. Barra minn dan, il-BĊE jinnota li l-Artiklu 80(7) se japplika primarjament għal self bejn il-banek fejn l-obbligi dwar il-kapital huma essenzjali biex jillimitaw riskji sistematiċi. Il-BĊE jinnota wkoll li eżenzjoni bħal din mhijiex possibbli skond Bażel II[17] u tista', f'ċerti sistemi bankarji, taffettwa il-*level playing field* fuq livell nazzjonali. Konsegwentament, il-BĊE jirrikkmanda li dan it-tip ta' self jibqa suġġett għall-obbligi dwar il-kapital.

**<u>Istituzzjonijiet Esterni għall-Evalwazzjoni ta' Kreditu</u>**

33. Fir-rigward ta' l-għarfien ta' l-Istituzzjonijiet Esterni għall-Evalwazzjoni tal-Kreditu (ECAI), il-BĊE jixtieq iqajjem tliet kwistjonijiet.

34. L-ewwelnett, il-BĊE jara li hemm skop għal aktar speċifikazzjoni tal-ħtieġa ta' l-"indipendenza" fis-Sezzjoni 1.2 ta' Parti 2 ta' l-Anness VI tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju. Fil-proċess ta' l-evalwazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw fatturi bħall-propjeta` u l-istruttura organizzazzjonali ta' l-ECAI, ir-riżorsi finanzjarji tagħha, l-impjegati tagħha u l-

---

16 Din l-eżenzjoni tapplika biss għall-Metodu Standardizzat; madankollu tista' tiġi applikata wkoll għall-istituzzjonijiet ta' kreditu permezz ta' tip speċifiku ta' użu parzjali u permanenti (l-Artiklu 89(1)(e) tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju).

17 Bażel II japplika fuq bażi kkonsolidata għall-banek attivi internazzjonalment f'kull strata ta' xi grupp bankarju. Dan ifisser li sussidjarja li hija bank attiv internazzjonalment ikollha żżomm kapital biex tkopri *exposures* ta' kreditu għal entitajiet oħra fi grupp li mhumiex is-sussidjarji tagħha. Bażel II ma jippermettix ir-rinunzja (*waiver*) ta' dawn l-obbligi dwar il-kapital.

abbilta`, kif ukoll il-governanza tal-kumpanija tagħha. Fil-fehma tal-BĊE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw ukoll li l-ECAIs għandhom proċeduri interni effettivi biex jidentifikaw, jevitaw u jimmaniġġjaw kunflitti ta' interess potenzjali, b'hekk jassiguraw li l-informazzjoni kunfidenzjali mhijiex imxerrda bi żvista, ikkomunikata jew użata ħażin. Dawn il-kwistjonijiet huma aċċettati għal kollox bħala kwistjonijiet prinċipali ta' politika u huma rikonoxxuti fid-Dikjarazzjoni ta' Prinċipji dwar l-Attivitajiet ta' l-Aġenziji tal-Klassifika tad-Debituri ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjoni tat-Titoli (IOSCO) tal-25 ta' Settembru 2003[18].

35. It-tieni, il-BĊE jixtieq jemfasizza l-bżonn għal metodu prudenti u ġust għall-evalwazzjoni tar-regolaturi fir-rigward tal-kredibbilta` u l-aċċettazzjoni fis-suq ta' l-ECAIs. B'mod partikolari, huwa importanti li l-awtoritajiet kompetenti, fl-evalwazzjoni ta' ECAIs potenzjali, ma joħolqux xkiel għad-dħul ta' parteċipanti ġodda fis-suq billi jimponu piż żejjed biex jiġu sodisfatti il-kriterji stabbiliti fis-Sezzjoni 2.1 ta' Parti 2 ta' l-Anness VI mad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju (sehem mis-suq, dħul u riżorsi finanzjarji, impatt fuq il-prezzijiet). Minflok, l-awtoritajiet kompetenti huma mistiedna biex jiffukaw sewwa l-evalwazzjoni tagħhom fuq il-qawwa u l-validita` tal-metodoloġija ta' l-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet relevanti għandhom għalhekk ikunu żviluppati aktar b'tali mod li jħallu għal proċess ta' evalwazzjoni iddivrenzjat biżżejjed. F'dan il-kuntest, il-BĊE jinkoraġġixxi li f'din is-sezzjoni tiġi wżata għażla ta' kliem ġdid skond Bażel II, biex jiġi żgurat li l-kredibbilta` toħorġ kemm mill-aċċettazzjoni tas-suq u metodoloġija valida.

36. It-tielet, il-BĊE jixtieq jemfasizza l-bżonn għal konverġenza supervisorja adekwata u kooperazzjoni dwar l-għarfien ta' ECAIs. Livell għoli ta' konsistenza bejn il-prattiċi ta' l-iStati Membri se jkun indispensabbli biex tiġi żgurata l-komparabilita` ta' l-evalwazzjonijiet ta' klassifiċi esterni u *level playing field* għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jagħmlu użu minn dawn l-evalwazzjonijiet skond il-Metodu Standardizzat għar-riskju ta' kreditu, u se jgħin ukoll biex inaqqas ir-riskju ta' *regulatory arbitrage*. Barra minn dan, kooperazzjoni superviżorja se tkun kruċjali fit-tnaqqis ta' l-ispejjeż regolatorji għal dawk ECAIs, li jfittxu għarfien f'aktar minn Stat Membru wieħed. Bħalissa, l-Artikli 81(3), 82(2) u 97(3) tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju jinkludu biss għażla diskrezzjonarja għal għarfien reċiproku. Konformi ma' każistika konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fir-rigward ta' l-għoti ta' servizzi bla xkiel, il-BĊE isostni li l-għarfien reċiproku għandu jkun il-prinċipju ġenerali għall-ECAIs ġewwa l-UE. Dan ma jżommx regolatur milli jiddeċiedi li jimponi obbligi addizzjonali ta' eliġġibbilta` biex jitqiesu l-partikolaritajiet tas-suq nazzjonali, ladarba dawn l-obbligi ma jirduppjawx kundizzjoniiet ekwivalenti diġa` sodisfatti fl-iStat Membru ta' oriġinu. Il-BĊE jilqa' id-dokument ta' konsultazzjoni tal-CESR dwar metodi regolatorji potenzjali għall-aġenziji tal-klassifika tad-debituri[19]. Jappoġġja wkoll bis-sħiħ ix-xogħol imwettaq fil-preżent mill-CEBS biex jarmonizza l-kriterji għall-għarfien ta' l-ECAIs. Il-BĊE jikkunsidra li l-*Mapping Process* (stabbilit fl-Anness 2

---

18 Tinstab fuq il-*website* tal-IOSCO.

19 'L-Avviż tekniku tal-CESR lill-Kummissjoni Ewropea dwar miżuri possibbli fir-rigward ta' l-aġenziji tal-klassifika tad-debituri – Dokument Konsultattiv', 30 ta' Novembru, 2004; jinstab fuq il-*website* tal-CESR.

ma' Bażel II) li skondu, *inter alia*, l-awtoritajiet nazzjonali *map* evalwazzjonijiet ta' riskju ta' kreditu fil-pożijiet ta' riskju disponibbli, huwa importanti ħafna, u l-CEBS għandu għalhekk jinkoraġġixxi konverġenza f'dan il-qasam.

**Użu Parzjali u Permanenti għal ċerti *exposures***

37. Il-BĊE jinnota li, b'kuntrast ma' Bażel II, id-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju tħalli użu parzjali u permanenti tal-Metodu ta' l-IRB għal *exposures* materjali u f'oqsma tan-negozju sinifikanti, skond iċ-ċirkustanzi varji mniżżla fl-Artiklu 89(1)(a)(b) u (d) sa (ġ) tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju. Il-BĊE jinnota li l-intenzjoni wara r-restrizzjoni ta' l-użu parzjali u permanenti hija li żżomm lill-banek milli jittrattaw b'mod permanenti *exposures* ta' riskju kbir skond il-Metodu Standardizzat filwaqt li jużaw l-istejjem tagħhom tal-parametri tar-riskju għal portafolli b'riskju iżgħar, u b' hekk jagħżlu l-aktar metodu vantaġġjat f'kull każ.

38. Il-BĊE jappoġġja li l-użu parzjali u permanenti jsir disponibbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ż-żgħar għall-*exposures* tagħhom lejn il-gvernijiet ċentrali, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti ta' l-investiment, minħabba li f'dawn il-każijiet l-applikazzjoni ta' l-istejjem *(own estimates)* tkun ta' piż esaġerat, b'hekk ikun hemm il-possibbilta` li żżomm istituzzjonijiet ta' kreditu żgħar milli jadottaw il-Metodu ta' l-IRB. Il-pożizzjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu ż-żgħar hija ndirizzata b'mod korrett f'*recital* ġdid 35A, li huwa propost fil-metodu ġenerali tal-Kunsill. Il-BĊE jirrikkmanda li l-Kummissjoni għandha tirrevedi jekk l-applikazzjoni ta' l-Artiklu 89 tad-direttiva proposta kinitx effettiva f'li tilħaq l-għan tagħha tliet snin wara t-traspożizzjoni tad-direttiva.

**It-trattament konsistenti ta' l-obbligi fil-Metodu ta' l-IRB u dak Standardizzat**

39. Ħarġet inkonsistenza bejn it-trattament tal-kapital ta' l-obbligi skond il-Metodu Standardizzat u dak tal-*Foundation* IRB. Il-BĊE jifhem li d-diverġenza mhijiex intenzjonata. Jekk mhix indirizzata, madankollu jista' jkollha effett li toħloq, skond il-Metodu tal-*Foundation* IRB, tariffa kapitali għal ċerti garanziji li jnaqqsu r-riskji u jipproteġu l-istabbilta` tas-sistema finanzjarja billi tassigura l-konklużjoni ta' ftehim f'ċerti sistemi ta' ħlas. Il-BĊE għalhekk jirrikkmanda li l-kliem użat fil-paragrafu 1.11 (a) ta' Parti 3 ta' l-Anness VII għandu jinbidel biex jaqbel mal-klawsola ekwivalenti li tapplika l-Metodu Standardizzat, i.e. biex jgħid li għal-linji ta' kreditu, li mhumiex marbutin, li huma kanċellabbli mingħajr l-ebda kundizzjoni f'kull ħin mill-istituzzjoni mingħajr notifikazzjoni bil-quddiem, jew li jipprovdu effettivament għall-kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament fis-solvibbilta` ta' xi ħadd li jissellef, għandu japplika fattur ta' bdil *(conversion factor)* ta' 0%.

**Proċess ta' reviżjoni superviżorja**

40. Il-BĊE jemfasizza l-importanza ta' kemm it-tieni pilastru għandu jiġi trattat bl-istess importanza daqs il-pilastri l-oħra ta' Bażel II, jiġifieri l-obbligi dwar il-kapital minimu u d-dixxiplina fis-suq. Il-BĊE jikkunsidra li l-għażla ta' kliem ta' l-Artikli 123 u 124 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, li jirrifletti t-tieni pilastru, jista' jimplika b'mod skorrett li t-tliet pilastri mhumiex ta' l-istess importanza.

41. Mill-perspettiva tal-BĊE, ladarba fid-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju m'hemmx definizzjoni tal-kunċett ta' 'kapital intern' (li huwa wżat fl-Artiklu 123 tad-direttiva), il-fehma tar-regolaturi u ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu dwar x'ifisser kapital intern teħtieġ tikkonverġi hekk kif il-prattika fl-industrija tevolvi. Il-BĊE jikkunsidra li jkun mixtieq li tiġi żviluppata gwida li tkun tkopri x'għandhom jagħmlu l-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jissodisfaw l-obbligi ta' l-Artiklu 123. Il-BĊE huwa konxju li din il-gwida tista' tiġi żviluppata biss tul iż-żmien konformi mal-prattiċi fl-industrija li jevolvu, u ma jinsistix f'dan l-istadju għal definizzjoni aktar dettaljata ta' kapital intern.

42. Fir-rigward għal *capital buffers*, għandha tingħata attenzjoni għad-dikjarazzjoni tal-BCBS ta' Lulju 2002 li tagħraf b'mod ċar l-importanza ta' *capital buffers* fir-rigward tal-possibbilta` ta' kwistjonijiet dwar il-proċiklikalita`.[20] Id-Direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju preżentament ma tirreferix għal din il-kwistjoni, u l-BĊE jissuġġerixxi li ssir referenza għaliha f'*recital* għad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, fejn dan ikun jindika li regolaturi għandhom jistennew lill-banek biex joperaw b'*capital buffers* biex b'hekk ikunu jistgħu jikkonformaw ma' livelli ta'kapital minimu, saħansitra wkoll f'kundizzjonijiet ta' stress.

43. Finalment, il-BĊE jinnota li fil-preżent, numru ta' Stati Membri jiffissaw, skond ċirkustanzi speċifiċi, il-proporzjon ta' kapital minimu 'il fuq mit-*threshold* ta' 8% stipulata fl-Artiklu 75 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju. Applikazzjoni awtomatika ta' obbligi għal aktar kapital għal ċerti kategoriji ta' istituzzjonijiet mhijiex mixtieqa billi proporzjonijiet diverġenti ta' kapital minimu jipperikolaw il-*level playing field* ġewwa l-UE u jipprovdu inċentivi biex gruppi jiġu rristrutturati bil-għan ta' *regulatory arbitrage* bejn ir-reġimi tal-kapital.

**Kooperazzjoni f'sitwazzjoni ta' emerġenza**

44. Il-BĊE jilqa' l-Artiklu 130(1) tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, li huwa partikolarment importanti hekk kif huwa jistabbilixxi l-obbligu għar-regolatur skond bażi kkonsolidata biex jinnotifika l-awtoritajiet imsemmija fl-Artiklu 49(a) u l-Artiklu 50 tad-direttiva proposta meta tinqala' sitwazzjoni ta' emerġenza li tista potenzjalment tipperikola l-istabbilta` tas-sistema finanzjarja.

45. Il-BĊE jifhem li l-Artiklu 130(1) japplika għal kemm id-dimensjoni nazzjonali kif ukoll dik ta' l-UE tas-sistema finanzjarja. Għalhekk il-BĊE jifhem li l-informazzjoni għandha tiġi trasmessa lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artiklu 49(a) f'kemm livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali. Dan huwa importanti minħabba li l-progress milħuq fl-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji u l-infrastrutturi tas-suq fl-UE, filwaqt li jżid il-likwidita` u l-effiċjenza ta' dawk is-swieq, jista' wkoll iżid il-probabbilta` ta' disturbanzi sistematiċi li jaffettwaw aktar minn Stat Membru wieħed u possibbilment iżidu l-*contagion risk* internazzjonali fis-settur bankarju ta' l-UE. F'dan il-kuntest, il-BĊE jilqa' l-fatt li l-Artiklu 130(1) isegwi rakkomandazzjoni tar-rapport tal-Kumitat Ekonomiku

20 "Biex jgħin fl-indirizz ta' kwistjonijiet potenzjali dwar iċ-ciklikalita` tal-Metodi ta' l-IRB, il-Kumitat qabel li *stress testing* min-naħa tal-banek tar-riskju fil-kreditu mwettaq b'tali mod li jkun utli u konservattiv, għandu jkun obbligu skond il-metodi ta' l-IRB bħala mezz li jassigura li l-banek iżommu *capital buffer* suffiċjenti skond it-Tieni Pilastru tal-Ftehim il-Ġdid", Stqarrija għall-Istampa tal-BCBS, 10 ta' Lulju 2002; tinstab fuq il-*website* tal-BIS.

u Finanzjarju dwar l-immaniġġjar tal-kriżi finanzjarji[21] billi jimponi obbligu li dawn l-awtoritajiet għandhom jiġu nfurmati fil-ħin f'sitwazzjoni ta' kriżi. Sabiex jiċċara l-iskop ta' l-Artiklu 130(1), il-BĊE jirrikkmanda li jingħad li l-obbligu li l-awtoritajiet jiġu mwissija msemmi fl-Artiklu 49(a) japplika għal awtoritajiet ġewwa l-UE.

46. Il-BĊE jifhem ukoll li r-referenza fl-Artiklu 130(1) lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artiklu 50[22] hija maħsuba biex tiżgura, li l-membri tal-gvernijiet ta' l-iStati Membri responsabbli għas-servizzi finanzjarji huma mwissija kemm jista' jkun malajr bl-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' emerġenza. Il-BĊE jissuġġerixxi li jagħmel din aktar ċara billi jibdel ir-referenza lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artiklu 50 b'referenza diretta lill-'membri tal-gvern kompetenti', b'hekk jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda impediment għat-trasmissjoni ta' l-informazzjoni kunfidenzjali meħtieġa biex timmaniġġja s-sitwazzjoni ta' emerġenza, salvi l-kundizzjonijiet stabbiliti f'leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Komunita` (i.e. meta l-funzjonijiet tal-politika tagħhom huma affettwati mis-sitwazzjoni ta' emerġenza).

47. Il-BĊE jinkoraġġixxi wkoll bis-sħiħ l-għażla ta' l-Artiklu 130(1) tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, billi jħalli lill-awtoritajiet involuti f'kemm livell nazzjonali kif ukoll f' ta' l-UE, skop xieraq biex jiddefinixxu arranġamenti flessibbli, liema arranġamenti huma meħtieġa fil-kuntest ta' l-immaniġġjar tal-kriżi. F'dan ir-rigward, il-BĊE jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-arranġamenti eżistenti bejn il-banek ċentrali u r-regolaturi, li jispeċifikaw il-prinċipji u l-proċeduri għal komunikazzjoni u kooperazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' immaniġġjar ta' kriżi finanzjarji. B' mod partikolari, il-Memorandum ta' Ftehim dwar prinċipji ta' livell għoli ta' kooperazzjoni bejn ir-regolaturi tal-kummerċ bankarju u l-banek ċentrali ta' l-Unjoni Ewropeja f'sitwazzjonijiet ta' mmanniġġjar ta' kriżi (minn issa 'l quddiem l-'MoU') jistabbilixxi principji u proċeduri li għandhom x'jaqsmu speċifikament ma' l-identifikazzjoni ta' l-awtoritajiet responsabbli għall-immaniġġjar tal-kriżi, il-flussi meħtieġa ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kollha involuti, u l-kundizzjonijiet prattiċi għall-iskambju ta' l-informazzjoni f'livell internazzjonali. L-MoU jipprovdi wkoll għat-twaqqif ta' infrastruttura loġistika biex tgħin il-kooperazzjoni internazzjonali mtejba bejn l-awtoritajiet.[23]

48. Barra minn dan, il-BĊE jinnota li diġa ttieħdu ċerti inizzjattivi biex jiġu żviluppati aktar l-arranġamenti dwar l-immaniġġjar tal-kriżi skond l-Artiklu 130 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju. B'mod partikolari, il-Kumitat dwar is-Superviżjoni tal-Kummerċ Bankarju tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u l-CEBS waqqfu Grupp Konġunt dwar l-Immaniġġjar tal-Kriżi li se jassisti fl-iżvilupp ta' aktar arranġamenti prattiċi biex jitrattaw il-kriżijiet. F'dan il-

21 'Rapport dwar l-immaniġġjar tal-kriżi finanzjarji' tal-Kumitat Finanzjarju u Ekonomiku, tas-17 ta' April, 2001, Studju Ekonomiku Nru. 156, Lulju 2001; jinstab fuq il-*website* tal-Kummissjoni.

22 L-Artiklu 50 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, li jabbozza mill-ġdid parti mil-Artiklu 30(9) tad-Direttiva kkonsolidata dwar il-kummerċ bankarju, iħalli Stati Membri biex jawtorizzaw il-komunikazzjoni ta' informazzjoni prudenti u kunfidenzjali lil 'dipartimenti ta' l-amministrazzjonijiet governattivi ċentrali tagħhom responsabbli għal leġiżlazzjoni dwar is-superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu, ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji, tal-kumpaniji ta' servizzi ta' investiment u ta' assigurazzjoni u lil spetturi li jaġixxu f'isem dawk id-dipartimenti'.

23 Ara l-iStqarrija għall-Istampa tal-BĊE ta' l-10 ta' Marzu, 2003; tinstab fuq il-*website* tal-BĊE.

kuntest, il-BĊE jinkoraġġixxi aktar ħidma biex jiġu żviluppati arranġamenti ta' kooperazzjoni effiċjenti. Il-BĊE jikkunsidra li interazzjoni bla xkiel bejn il-funzjonijiet superviżorji u dawk tal-banek ċentrali se jiffaċilitaw evalwazzjoni kmieni ta' l-impatt sistematiku ta' xi kriżi u jikkontribwixxu għall-immaniġġjar effettiv tal-kriżi f'kemm livell nazzjonali kif ukoll f' dak ta' l-UE.

**<u>Konsistenza ma' Bażel II fil-kuntest tar-riskju operattiv</u>**

49. Il-BĊE jinnota li d-dispożizzjonijiet tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju li jkopru r-riskju operattiv ivarjaw minn Bażel II sal-qies li tista' tiddgħajjef il-*level playing field*. Il-BĊE għalhekk jirrikkmanda r-reviżjoni ta' l-elementi li ġejjin tad-direttiva proposta.

50. L-ewwelnett, l-indikatur relevanti f'Parti 1 u 2 ta' l-Anness X, mad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, ikkalkulat abbażi ta' 'l-aħħar sitt osservazzjonijiet ta' kull xahar fin-nofs u fl-aħħar tas-sena finanzjarja' u l-aċċettazzjoni ta' figuri stmati meta figuri mhux awditjati mhumiex disponibbli, huwa inkonsistenti ma' Bażel II, li jistipula li osservazzjonijiet ta' kull sena għandhom jintużaw. Il-BĊE jilqa' l-fatt li l-emendi tal-paragrafu 3 ta' Parti 1 u tal-paragrafu 5 ta' Parti 2 ta' l-Anness X mad-direttiva stabbilita fil-metodu ġenerali tal-Kunsill jreġu d-Direttiva ma' Bażel II fir-rigward ta' din il-kwistjoni.

51. It-tieni, il-kalkulazzjoni proposta ta' l-obbligi dwar il-kapital skond il-Metodu Standardizzat tpoġġi lill-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-UE fi żvantaġġ fil-konfront ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' pajjiżi terzi skond Bażel II. Barra minn dan, dan il-metodu jista' jfixkel l-iskop li tinkoraġġixxi lill-banek biex jimxu mill-Metodu ta' l-Indikatur Bażiku għall-Metodu Standardizzat. Bażel II iħalli d-dħul gross negattiv f'ċerti linji tan-negozju biex jintużaw biex jibbilanċjaw parzjalment id-dħul gross pożittiv f'linji oħra tan-negozju f'kull sena, u b'hekk tintlaħaq konsistenza mal-Metodu ta' l-Indikatur Bażiku li skondu kumpens bejn il-linji tan-negozju f'kull sena ssir bħala ħaġa normali. Il-BĊE jinnota li l-metodu magħżul fid-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju huwa fil-fatt aktar prudenti. Madankollu il-BĊE jiffavorixxi li jreġi d-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju ma' Bażel II.

52. It-tielet, l-obbligi f'Parti 4 ta' l-Anness X, mad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju jvarjaw minn Bażel II għar-raġuni li fil-prinċipju jħallu użu parzjali u permanenti ta' l-AMAs bla limitu. Il-BĊE jinnota li r-restrizzjonijiet dwar l-iskop u t-tul ta' żmien ta' l-użu parzjali ta' l-AMAs kienu kkunsidrati bħala krucjali f'Bażel II, biex tiġi evitata l-possibbilta` ta' *regulatory arbitrage* u effetti potenzjalment negattivi fuq il-*level playing field*. Il-BĊE jaqsam it-tħassib tal-BCBS u jirrikkmanda li limiti fuq l-użu parzjali ta' l-AMAs isiru bħala regola ġenerali u mhux biss każ b'każ.

53. Finalment, id-dispożizzjonijiet transitorji inkorporati fl-Artiklu 155 tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju jħallu biex jiġi applikat indikatur relevanti ta' 15% għal-linja tan-negozju "kummerċ u bejgħ", sal-31 ta' Diċembru, 2012, f'każijiet fejn din il-linja tan-negozju

tikkostitwixxi ta' lanqas 50% tat-total ta' l-indikaturi relevanti. Dan jirrappreżenta diverġenza mhux mixtieqa mill-Bażel II, fejn ma teżisti l-ebda dispożizzjoni tranżitorja.

**Riskju legali bħala parti mir-riskju operattiv**

54. Il-BĊE jinnota li l-Artiklu 4(22) tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju jintroduċi l-kunċett tar-'riskju legali' bħala element wieħed tal-kunċett aktar wiesa' tar-'riskju operattiv'. Il-BĊE jagħraf li r-riskju legali huwa kategorija importanti ta' riskju li għandu jiġi kkunsidrat għal *capital measurement*, imma jinnota wkoll li l-kunċett tar-riskju legali mhuwiex ddefinit aktar fid-direttiva proposta, u għalhekk jista' jinbidel f'qasam ta' inċertezza u traspożizzjoni u applikazzjoni diverġenti. F'dan ir-rigward, il-BĊE jemmen li jkun ta' siwi li jiġi ntrodott fil-qafas ta' l-UE l-għażla tal-kliem aktar preċiż ta' Bażel II, li partikolarment jgħid li r-riskju operattiv jinkludi "*ir-riskju legali, imma jeskludi r-riskju strateġiku u reputazzjonali*" (ara paragrafu 644 ta' Bażel II). Il-footnote ma' dan il-paragrafu ta' Bażel II jgħid li "*ir-riskju legali jinkludi, imma mhuwiex ristrett għal, exposures għal multi, penali, jew danni punittivi li jirriżultaw minn azzjonijiet superviżorji, kif ukoll ftehim privati*"; dan jista' jiġi riprodott b'mod utli f'xi *recital* tad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju.

55. Definizzjoni ġenerali tar-riskju legali tiffaċilita l-evalwazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskju b'mod xieraq, kif ukoll tassigura metodu konsistenti bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu Ewropej. Ikun ukoll ta' siwi l-eżaminazzjoni tal-qies li għalih wieħed għandu jikkunsidra l-fatt li r-riskji legali huma fihom infushom imprevedibbli u ma jikkonformawx ġeneralment ma' xi mudell. Barra minn dan, il-maniġment tar-riskju legali jkollu jkun konsistenti mal-maniġment tar-riskju operattiv bħala ħaġa sħiħa. Għal dawn ir-raġunijiet, il-BĊE jissuġġerixxi li l-CEBS għandu jwettaq aktar xogħol biex jiċċara d-definizzjoni ta' riskju legali.

56. Il-BĊE jinnota li obbligi dwar iċ-ċertezza legali għat-tattici li jnaqqsu r-riskju tal-kreditu, imniżżla fl-Annessi VII sa IX mad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li jnaqqsu r-riskji legali involuti fl-użu ta' dawn it-tattiċi. Ir-raġuni għal din hi li dawn l-obbligi ma jindirizzawx il-kalkulazzjoni ta' *risk-weighted assets* direttament, imma aktar jittrattaw il-kwistjoni ta' jekk it-tattiċi li jnaqssu r-riskju tal-kreditu għandhomx bażi legali soda. Madankollu, jekk fid-dawl tal-paragrafu 14 tas-Sezzjoni 1.2 ta' Parti 3 ta' l-Anness X mad-direttiva proposta dwar il-kummerċ bankarju, il-BĊE jifhem li xi telf minħabba xi difett legali f'tattiċi li jnaqqsu r-riskju tal-kreditu ma jkunx suġġett għal tariffa tar-riskju operattiv, jekk jiġi ttrattat bħala riskju ta' kreditu fil-kalkulazzjoni ta' l-obbligi dwar il-kapital minimu.

**Obbligi dwar il-kapital għal ċerti ditti ta' investiment**

57. L-Artiklu 20 tad-direttiva proposta dwar is-suffiċjenza tal-kapital tagħti lill-awtoritajiet kompetenti d-diskrezzjoni li jeżentaw ċerti ditti ta' investiment mill-obbligi dwar il-kapital għar-riskju operattiv. Madankollu, *recital* 22 tad-direttiva proposta jisħaq li "Ir-riskju operattiv huwa riskju sinifikanti ffaċċjat minn istituzzjonijiet li jeħtieġu kopertura bl-*own funds*." Il-Kummissjoni

inkludiet din id-diskrezzjoni abbażi ta' studju ppubblikat f'Lulju 2004[24], u d-diskrezzjoni kienet biex ittaffi l-impatt tat-tariffi tar-riskju operattiv fuq l-obbligi globali imposti fuq id-ditti ta' l-investiment. Il-BĊE jinnota li l-awturi ta' dan l-istudju adottaw pożizzjoni relattivament kawta fuq il-kwistjoni dwar jekk żieda fl-obbligi dwar il-kapital fuq id-ditti ta' l-investiment minħabba l-introduzzjoni ta' xi obbligu dwar il-kapital fir-rigward tar-riskju operattiv għandhiex titqies bħala inadegwat. Barra minn dan, l-istudju semma li d-data wżata tidher li ma kinitx kompluta. Il-BĊE jwissi wkoll li n-natura diskrezzjonarja u *firm-specific* ta' l-eżenzjonijiet permessi taħt id-direttiva proposta dwar is-suffiċjenza tal-kapital tista' taffettwa l-*level playing field* minn tliet bnadi: bejn tipi differenti ta' ditti ta' investiment; bejn ditti ta' investiment ta' l-istess tip li jikkompetu internazzjonalment; u bejn ditti ta' l-investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu. Konsegwentament, il-BĊE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha sadanittant tirrevedi l-effetti ta' dawn l-eżenzjonijiet u l-mod li bih huma applikati mill-awtoritajiet kompetenti, u li għandha tiġi inkluża dispożizzjoni fid-direttiva propsota dwar is-suffiċjenza tal-kapital biex tirrifletti dan.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fis-17 ta' Frar 2005.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

24 'Reviżjoni ta' l-Obbligi dwar il-Kapital għal Ditti ta' Investiment fl-UE – Studju Kwantitattiv dwar l-Impatt ta' l-2004 – Konklużjonijiet Prinċipali' tal-Kummissjoni Ewropea , mhux datat; jinstab fuq il-*website* tal-Kummissjoni.